MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Numru. 833/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Lorenzo Ellul**
**John Ellul**
**Salvu Ellul**
**Carmelo Ellul**
**Giacchino k/a Jack Scerri**
**Dolores Scerri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Lorenzo Ellul ta' 58 sena, iben Joseph u Mary nee' Galea imwieled Mqabba, imwieled fil-21 ta' Frar 1950 u residenti 'La Portica', Triq il-Konvoj ta' Santa Maria, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita' numru

207950(M) u l-imputat John Ellul ta' 50 sena, iben Joseph u Mary nee' Galea imwieled Mqabba, imwieled fit-30 ta' Ottubru 1957 u residenti 'St. Mary Farmhouse', Triq il-Madonna tad-Dawl, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita' numru 716657(M) u l-imputat Salvu Ellul ta' 47 sena, iben Joseph u Mary nee' Galea, imwieled Mqabba fit-2 ta' Awwissu 1960 u residenti 19 'Olinda', Triq Hal Tarxien, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 524860(M) u l-imputat Carmelo Ellul ta' 43 sena, iben Joseph u Mary nee' Galea imwieled Mqabba fid-19 ta' Awwissu 1963 u residenti 'Katrina', Triq Zaccaria Roncali, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 448663(M) u l-imputat Gioacchino k/a Jack Scerrri ta' 64 sena iben Carmelo u Helen nee' Lightfoot, imwieled Gzira fl-14 ta' Marzu 1944 u residenti 120 'Jackdor', Triq il-Kappucini, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 250644(M) u l-imputata Dolores Scerri nee' Mizzi ta' 62 sena, bint Vincent u Maria nee' Mizzi, imwielda Sliema fl-4 ta' Lulju 1946 u residenti New York Flat 8, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita' numru 571046(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. Lil Lorenzo Ellul, lil John Ellul, lil Salvu Busuttil u lil Carmelo Ellul fil-kapacita' taghhom ta' diretturi ta' Elbros Company Limited u lil Gioacchino Scerri u lil Dolores Scerri fil-kapacita' taghhom ta' diretturi ta' Jacksons Company talli nhar it-18 ta' Gunju 2004 ghal habta tat-8.30a.m. b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunaw il-mewt ta' Frankie Fenech ta' 17-il sena minn Hal-Luqa ai termini ta' l-artikolu 225 ta' Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali.

2. Fl-istess lok, hin u cirkustanzi naqsu milli jharsu is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 6 (1) ta' l-att 27/ 2000 Kap. 424.

3. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu millu jiehdu l-mizuri necessarji biex jigi evitat dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' principji generali ta' prevenzjoni fosthom li jigi evitat riskju, l-identifikazzjoni ta' perikli assocjati max-xoghol, l-evalwazjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati, il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati, li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz, li tinghata prijorita' lill-mizuri ta' protezzjoni kollettivi fuq mizuri ta' protezzjoni individwali u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (2) (a) (b) (c) (e) (f) ta' l-att 27/2000 Kap. 424.

4. Fl-istess hin, lok u cirkustanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jipprovdu dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 6 (3) ta' l-att 27/2000 Kap. 424.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza bhala persuni li jhaddmu naqsu illi wara li kkunsidraw in-natura tal-attivitajiet tal-impriza identifikaw l-perikli fuq il-post tax-xoghol u evitaw riskji ghas-sahha u s-sigurta', evalwaw dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u ikkontrollawhom mill-bidu u addattaw ix-xoghol ghall-individwu. Naqsu ukoll li jevalwaw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta', fost l-ohrajn ghazla ta' taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizguraw li jsir titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' u jiehdu l-passi xierqa sabiex jizguraw li jkunu biss dawk il-haddiema li jkunu rcivew tahrig adekwat u xieraq li jkollhom access ghal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u specifiku u dan ai termini ta' artikoli 5 (1) (i) (ii) u 6 (1) (2) (4) ta' l-A.L. 36/03.

6. Fl-istess hin, lok u cirkustanzi fejn dawk li jhaddmu, kuntratturi jew persuni li jahdmu ghal rashom naqsu li jikkoperaw fl-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet dwar is-sahha, is-sigurta' u l-igene waqt li kkunsidraw in-natura ta' l-attivitajiet u ikkordinaw l-azzjonijiet taghhom f' materji li jirrigwardaw mizuri protettivi u preventivi u jinfurmaw lil xulxin u lill-haddiema rispettivi taghhom jew lir-rapprezentanti taghhom b' dawn ir-riskji u dan ai termini ta' artikolu 7 ta' l-A.L. 36/03.

7. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (1) ta' l-A.L. 36/03.

8. Fl-istess zminijiet, lok u cirkustanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli zzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b' mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (2) ta' A.L. 36/03.

9. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f' kull zmien u f' kull aspett li ghandu x' jaqsam max-xoghol, jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-misuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw n-natura u d-daqs tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikoli 4 (1) (2) ta' l-A.L. 36/03.

10. Fil-kapacita' taghhom ta' persuni li jhaddmu fl-istes lok, hin u cirkostanzi naqsu li jaghtu informazzjoni li

tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom dwar ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ li huma maghrufa minn min ihaddem jew li gie identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju imwettqa minn, jew ghal min ihaddem, u li huwa maghruf li huma prezenti fil-post tax-xoghol in generali, kif ukoll fejn jidhol kull stazzjon tax-xoghol individwali, u fejn jidhol xi tip ta’ xoghol jew attivita’ ta’ xoghol assenjata u mizuri preventivi u protettivi mehtiega fejn jidhlu r-riskji kollha identifikati u dan ai termini ta’ l-artikoli 12 (1) (i) (ii) ta’ l-A.L. 36/03.

11. Fil-Kapacita’ taghhom ta’ persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqsu li jizguraw li l-haddiema minn imprizi u , jew stabbilimenti barranin li jwettqu xoghol fl-impriza u, jew l-istabbiliment taghhom ikunu fil-fatt ircivew struzzjonijiet xierqa li ghandhom x’ jaqsmu mar-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ waqt l-attivitajiet taghhom fl-impriza u, jew l-istabbiliment taghhom u dan ai termini ta’ l-artikoli 14 (3) ta’ l-A.L. 36/03.

12. Lil Gioacchino Scerri u lil Dolores Scerri wahedhom talli fil-kapacita’ taghhom ta’ persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkustanzi u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha naqsu li qabel ma jqabbdu jew joffru xi xoghol lil xi zghazugh u partikularment lil Frankie Fenech milli jaghmlu stima tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ kollha li setghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw u li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 3 (1) (2) a, b, c, d, e ta’ l-A.L. 91 ta’ l-2000.

13. Lil Gioacchino Scerri u lil Dolores Scerri wahedhom talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu li jizguraw li kull zaghzugh li jahdem maghhom jew li lilu jkun assenjat xi xoghol u cioe’ Frankie Fenech ikun f’ kull hin adegwatament protett kontra kull riskju li jista’ jirrizulta mill-istima kif ukoll xoghol li ma jkunx jinvolvi riskju ta’ accidenti li, wiehed ghandu jassumi, ma jkunux jistghu jintgharfu jew jigu eivitati miz-zaghzugh minhabba f’ li ma jaghtux attenzjoni bizzejjed ghas-sigurta’ jew minhabba fin-nuqqas ta’ esperjenza jew tahrig u dan ai termini ta’ l-artikolu 4 (1) (c) ta’ l-A.L. 91 ta’ l-2000.

14. Lil Gioacchino Scerri u lil Dolores Scerri wahedhom talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu li jaraw li qabel ma jimpjegaw lil xi zghazugh, jizguraw li dak iz-zghazugh ikun gie ezaminat minn tabib, li jiccertifika li dak iz-zghazugh huwa b' sahhtu bizzejjed biex iwettaq ix-xoghol li jigi assenjat lilu. Naqsu wkoll li jizguraw li z-zghazugh jigi ezaminat mill-gdid medikament mill-anqas darba kull tnax-il xahar. Naqsu wkoll bhala persuni li jhaddmu li jzommu registru fuq il-post tax-xoghol, li fih jigi registrat l-isem taz-zghazugh, id-data tat-twelid tieghu, id-data tat-twelid tieghu, id-data ta' meta jkun beda fl-impjieg, ir-rizultat ta' l-ezami mediku, kull kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li ssir mit-tabib, l-isem tat-tabib, id-data meta jkun imissu jsir l-ezami mediku iehor dwar dak iz-zghazugh, u d-data meta dak iz-zghazugh jispicca mill-impjieg tieghu u dan ai termini ta' l-artikoli 7 (1) (2) ta' A.L. 91/ 2000.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Settembru 2008 (esebit a fol. 55 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-5 ta' Frar 2009 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghhom surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident fatali fuq il-post tax-xoghol fejn tilef hajtu Frankie Fenech guvni ta' sbatax-il sena. Dan l-incident sehh fit-18 ta' Gunju 2004

ghall-habta tat-8.30am fuq is-sit tax-xoghol tal-izvilupp ta' blokkijiet ta' appartamenti bl-isem ta' Capital Mansions, Triq Censu Scerri, tas-Sliema fejn Frankie Fenech waqa' mill-gholi ghal gewwa bitha fuq wara fl-imsemmi sit tax-xoghol. Mill-provi rrizulta li l-vittma kien impjegat mas-socjeta' Jacksons Company Limited liema socjeta kienet qed taghmel xoghol ta' plumbing u elettriku fl-imsemmija blokkijiet ta' appartamenti li kienu ghadhom kemm inbnew u li fihom kien qed sir xoghol ta' finishing. Mill-provi rrizulta wkoll li l-vittma Frankie Fenech kien wasal fuq il-post tax-xoghol ghall-habta tat-8.15 a.m. u kien gie assenjat xoghol ta' installazzjoni ta' elettriku f'appartament fil-hames sular ta' Block C meta ghal xi raguni huwa waqa' mill-gallarija tal-kamra C10 tal-blokk C ghal gewwa bitha interna tal-blokk appartamenti. Mill-provi rrizulta wkoll li Jacksons Company Limited kienet responsabbli li taghti safety equipment lil Frankie Fenech li f'dan il-kaz kien jikkonsisti f'safety shoes u helmet. Meta xehed Keith Scerri r-rapprezentant ta' Jacksons Company Limited fl-Inkjesta Magsiterjali[1] huwa spjega li l-vittma ma kellux bzonn harness peress li x-xoghol li kien gie assenjat jaghmel dakinhar tal-incident kien fuq gewwa biss. Ma gie prodott ebda xhud okulari tal-incident izda mix-xhieda ta' David Spiteri[2] jirrizulta li l-vittma x'aktarx kien fil-kamra C10 li tinsab fil-hames sular u tinsab gewwa l-Blokk C liema block ghandu entrata minn Triq Matthew Pulis filwaq li Blokk A ghandu entrata minn Triq Censu Xerri. Jidher illi l-incident sehh meta ghal raguni mhux maghrufa Frank John Fenech waqa' minn fuq il-gallarija tal-Block 'C' mill-kamra C-10. Ma huwiex car jekk tilifx il-bilanc jew riedx jaqbez ghal fuq il-gallarija tal-Block 'A'. Ma setax jigi determinat jekk Frank John Fenech kellux il-bzonn li jmur gewwa Block 'A'. Kull ma rrizulta mill-provi kien li Frank John Fenech l-ahhar li ntlemah kien diehel gewwa Block 'C' u l-materjal li beda' jgorr instab gewwa l-kamra C-10. Il-vittma li meta waqa' spicca gewwa l-bitha tal-Block 'A' nstab f'direzzjoni dijagonali b'rasu mdahhla fil-kantuniera ta' barra fuq in-naha tax-xellug. Fil-fatt kien hemm ukoll xi tracci ta' demm. Mal-kisi tal-hajt fil-kantuniera kien hemm

---

[1] Process Verbal relattiv inserit a fol. 35 tal-atti processwali.

[2] Li wkoll xehed fl-Inkjesta Magisterjali kif ukoll quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-20 t'April 2009.

xi marki ta' brixx hfief 'l isfel hdejn l-art u kien hemm ukoll xi xaghar imwahhal mal-hajt ta' lewn skur. Fil-kantuniera nstabet ukoll il-helmet tal-plastik ta' lewn safra tal-vittma li nstabet wieqfa. Mal-helmet ma kienx hemm marki ta' brix jew daqqiet. Ma nstabux lanqas tebghat vizwali ta' demm fuqha. Fil-bitha nstabet barzakka ta' lewn iswed u mill-provi rrizulta l-vittma kien liebes din il-barzakka. C-cinga tal-barzakka inqatghet minn persuni li sabu lill-vittma peress li din ic-cinga daret ma ghonqu u bdiet timpedih milli jiehu n-nifs. Fil-fatt ic-cinga s-sewda tal-barzakka kienet mqatta.

Mill-provi rrizulta ulterjorment illi Frankie John Fenech kien intbghat Jacksons Company Limited mill-ETC. Kien ilu jahdem ma' din is-socjeta' ghal madwar tlett (3) xhur.' Irrizulta wkol li l-gallariji tal-Blokk A u dawk tal-Blokk C huma vicin hafna ta' xulxin u fil-fatt hemm biss metru u nofs bejniethom. Jidher li fis-sit in kwisjtoni ma kienx hemm ilqugh fl-aperturi jew fil-gallariji u mix-xhieda tal-Perit Joseph Sapienza li xehed quddiem l-espert tal-Qorti Dr. Stefano Filletti waqt l-Inkjesta Magisterjali jirrizulta li huwa gieli ra lill-haddiema jiehdu sogru fuq il-post tax-xoghol billi jimxu minn fuq gallarija ghal ohra billi jpoggu l-fallakki. Mid-deposizzjoni ta' Noel Cachia li huwa inspector mal-OHSA li wkoll xehed quddiem l-espert Dr. Stefano Filletti jirrizulta li huwa *kien diga spezzjona s-sit in kwistjoni u kien informa lill-kuntrattur responsabbli tal-kostruzzjoni, Elbros Limited,* kif ukoll lill-kuntrattur Jacksons Company Limited dwar il-periklu li hemm fis-sit in kwistjoni. Fil-fatt ai termini tal-punt numru 2 tal-ittra datata 22 t'April 2004 mibghuta lill-kumpanija Jacksons Company Limited, hemm interpellazzjoni lill-istess socjeta' sabiex tiehu 'all necessary precautions to reduce risk of falls from heights, by addressing all open edges'. Mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Godwin Abela[3] li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali u li n-nomina tieghu giet debitament konfermata f'dawn il-proceduri permezz ta digriet tal-5 ta' Frar 2009 irrizulta fil-fatt illi huwa acceda fil-bitha ta' wara tal-blokk in kwistjoni fejn instab il-vittma Frank John Fenech. Waqt l-access huwa kkonstata li l-

[3] Rapport relattiv inserit a fol. 76 tal-Process Verbal inserit a fol. 35 tal-atti processwali.

blokk tal-appartamenti kien gholi sitt sulari b'penthouse fuqhom. Ikkonstata wkoll illi l-istruttura kienet inbniet pero' l-blokk kien ghadu fl-istat fejn kienu qeghdin isiru nstallazzjonijiet varji u l-kumplament tal-finishes. L-espert tekniku nnota li l-aperturi li jaghtu fuq il-bitha ma kienux maghluqin u cioe li t-twieqi w l-bibien tal-aluminium ma kinux installati u li l-gallariji jaghtu fuq l-istess bitha ma kellhomx railings jew xi forma ta' eghluq.

Illi l-espert medico legali Dr. Mario Scerri[4] kkonkluda s-segwnti:-

*'Illi fuq il-locus ma kienx hemm xi taqlib jew xi indikazzjonijiet li jqanqlu certu suspetti;*
*Illi jidher bic-car illi Frank John Fenech spicca fil-bitha ta' wara f' Blokk A, Capital Mansions, f'Triq Censu Scerri, Tas-Sliema, cioe bi block t'appartamenti li ghadha fi stat ta' kostruzzjoni;*
*Illi mal-art fir-rokna, hekk kif deskritt aktar 'il fuq, kien hemm safety hat li fuqu kellu xi brix;*
*Illi kien hemm frattura tal-humerus, indikazzjoni illi waqt il-waqgha, Fenech kien konxju u li dan offra rezistenza ghall-istess waqgha;*
*Illi mit-tip ta' griehi prezenti jidher illi Fenech waqa' rasu 'l isfel u fuq in-naha tal-lemin tas-sider;*
*Illi ma kienx hemm lezjonijiet fuq il-kadavru li kienu suspettuzi jew estranji ghall-waqgha;*
*Illi mill-evidenza ta' rigor mortis li kien prezenti fil-muskoli zghar tal-wicc u fuq dawk tas-swaba' tal-idejn, u tal-hypotesis li kien beda' jifforma, l-esponent hu tal-opinjoni illi Frank John Fenech kien ilu mejjet inqas minn saghtejn mill-hin tal-ezami medikolegali;*
*Illi l-kulur vjola tal-hypotesis huwa normali.'*

Illi l-Magistrat Inkwirenti kien ikkonkluda dan li gej:-

*1. 'li Frankie John Fenech waqa' accidentalment mill-hames sular fil-fond indikat u miet ftit wara kagun tal-istess imputat.*

---

[4] Rapport relattiv inserit a fol. 78 tal-Proces Verbal.

*2. Li kienet prassi komuni li l-haddiema jippruvaw jaqbzu minn gallarija ghal ohra, gieli bl-uzu ta' fallakki li taqsam il-gallariji.*
*3. li ma nstabet ebda fallakka fis-sular minn fejn waqa' l-vittma.*
*4. li safety helmet ma kellha ebda tracci ta' demm. Dan jista' jkun li mal-waqa' s-safety helmet inqalghet minn ma' ras il-vittma. Izda huwa aktar verosimili li din tqieghdet fil-lok tal-incident wara l-waqa'. Dan ghaliex lanqas instabu tracci ta' xaghar il-vittma fin-naha ta' gewwa. Il-Magistrat inkwirenti kkonstata dan b'ghajnejh stess. Aktarx dak is-safety helmet qatt ma ntlibes mill-vittma.*
*5. Li fuq is-sit ma kien hemm ebda 'railings' jew mizuri ohra biex jassiguraw sahhet il-haddiema minn waqgha mill-oghli, minkejja li l-Awtorita' dwar is-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol kienet harget diversi avvizi dwar dan sew qabel l-incident.*
*Illi fid-dawl ta' dan kollu ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra l-persuni responsabbli fit-tlitt socjetajiet involuti, cioe is-sidien tal-post Tigne' Estate Limited, il-kuntrattur ewlieni Elbros Company Limited, u l-principal tal-vittma Jacksons Company Limited, ghall-omicidju involontarju ta' Frankie John Fenech taht l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi huma naqsu milli jassiguraw ambjent ta' xoghol hieles minn perikoli wara li gew debitament avzati mill-Awtoritajiet.'*

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fid-dettall dal li qalu certu xhieda li xehdu waqt l-Inkjesta Magisterjali. Keith Scerri xehed li hu t-tifel tad-direttur tal-kumpanija Jacksons Company Ltd u jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija u bhala fatt jissorvelja x-xoghlijiet f'certu siti. Frankie Fenech ta' 17-il sena kien impjegat maghhom bhala electrician and plumbing labourer. Kien ilu maghhom madwar 3 xhur. Dan kien l-ewwel u l-akbar progett tieghu. Huwa ntbghat mall-kumpanija mill-ETC. Il-kumpanija taghhom taghti s-safety equipment li ghandhom bzonn il-haddiema. Bhala kumpanija tawhom helmet u safety shoes. Dawk kienu l-basic. Kienu jtuhom safety equipment ohrajn skond x'ikun hemm bzonn. Kienu

responsabbli wkoll biex jiddizenjaw is-circuitry tad-dawl u l-pajpijiet ta’ l-ilma. Xehed li bhala xoghol ta’ dawl fuq barra ma kien hemm xejn. Kien hemm biss is-ceiling rose f’kull gallarija u spjega kif dawn jigu nstallati mill-art tal-gallarija ta’ fuq u ghalhekk l-ebda haddiem ma ghandu jixxabbat. Xehed li ghal dan it-tip ta’ xoghol harnesses jew hbula mhumiex rikjesti. Dawn ir-roses kienu ilhom lesti. Dwar xoghol iehor ta’ l-ilma estern dan kien sar minn professjonisti impjegati mill-kumpanija taghhom. Xehed li dakinhar ta’ l-incident ma kien hemm ebda xoghol ta’ dawl jew ilma fuq barra. Huwa qal li l-haddiema jibdew xoghol fis-07:00 a.m. Fil-fatt Frankie Fenech kien mar fl-ufficju tal-kumpanija gewwa l-Hamrun. Hemmhekk l-haddiema idumu madwar siegha fejn jinghatalhom ix-xoghol u jiehdu l-materjal u l-ghodod u mbaghad iwassluhom fuq il-land ta-xoghol. Dakinhar filghodu l-haddiema taghhom wasslu hemm bejn it-08.15 a.m. u 08.30 a.m. Kull haddiem ikollu helmet u safety shoes taghhom. Dawn igibuhom maghhom huma mill-lockers taghhom mill-istore. Hames impjegati wassalhom missier ix-xhud, Jack Scerri, u cioe’ l-imputat fil-kawza odjerna. Keith Scerri qal li waqt li kien fl-ufficju f’daqqa wahda ghajtulu fuq ir-radio ghal habta tat-08:30 a.m. biex icempel ambulanza peress li Frankie kien waqa’. Huwa qal li l-kumpanija kienet assikurata ma’ Rausi Insurance u ghandha polza ta’ l-employer’s liability. Qatt ma ra lill-haddiema tieghu jahdmu hazin jew jiehdu sogru. Meta wasal fuq il-post ra lil Frankie Fenech hiereg go l-ambulanza. Bhala kumpanija spjega x-xhud jesigu li l-impjegati kollha jiehdu hsieb is-safety. Frankie Fenech dakinhar kien liebes safety helmet u safety shoes. Frankie Fenech dejjem obda l-ordnijiet lilu moghtija.

David Spiteri xehed li hu impjegat ma’ Jacksons Company Limited u li dakinhar tal-incident bdew xoghol fis-7:00 a.m. u marru l-garaxx il-Hamrun. Hemmhekk hadu l-materjal u l-ghodod u qassmulhom ix-xoghol. Dakinhar Frankie Fenech mar maghhom fuq il-post tax-xoghol. Waslu fuq il-lant tax-xoghol ghall-habta tat-08.15 a.m. ma’ Jack Scerri. Dakinhar il-haddiema kollha taghhom kienu lebsin is-safety shoes u s-safety helmet. Dakinhar kienu x-xhud, Frankie, Icaro, Pierre u Jack Scerri li kien hdejna jistenna biex jitlaq bil-vann. L-ewwel ma telaq kien Pierre u dan

ghaliex kien qed jahdem go block differenti. L-ohrajn baqghu jhottu l-vann. L-ewwel li dahal kien Frankie. Dahal biex idahhal xi materjal. Huwa dahal u rega' hareg. Kellhom store room fir-raba' sular u precisament Room 7, Block A. Ix-xhud beda' jnizzel xi materjal iehor. Fl-ahhar ra lil Frankie fit-tarag u Frankie kellu jtella' xi roll pajp ta' l-acorn u tlett (3) pajpijiet jew conduits tal-plastik tal-35. Dak il-hin ix-xhud staqsa lil Frankie Fenech jekk kellux bzonn xi ghajnuna u Frankie Fenech qalli le. Pierre kien ga dahal fil-Block 'B'. Icaro kien barra mal-vann u kellu jidhol fi block 'B' u x-xhud kellu jidhol go Block 'B'. Sadanittant Frankie dahal wahdu go Block 'C'. Aktar tard ix-xhud u Icaro dahlu fil-Block 'B'. Huwa kellu bzonn xi materjal tal-acorn u mar ghalihom ghand Frankie. Dahal fil-kamra C-10 u fl-entrata sab il-materjal li kien tella Frankie. Lil Frankie ma rahx. Minn gewwa ha l-pajpijiet tal-25. Minn hemm mar gox-shaft intern u tefa' dawn il-pajpijiet minn kcina ghall-kcina. Dejjem fil-Block 'C' mar iqabbad l-extension tad-dawl u kif nizel mill-Block 'C' ghall-Block 'A' ra n-nies barra. Dahal jigri fil-Block 'A' u fil-bitha tal-Block 'A' ra lil Frankie mal-art. Dak il-hin fl-istess blokka, izda aktar 'l isfel kien hemm tal-madum jahdem.

Jack Scerri li xehed kemm fl-Inkjesta Magisterjali kif ukoll fil-proceduri odjerni[5] qal li huwa direttur tal-kumpanija Jacksons Company Limited u li dakinhar tal-incident il-haddiema dahlu ghax-xoghol fis-07.00 a.m. Fit-08.00 a.m. telqu mill-garaxx tal-Hamrun u waslu fuq il-lant tax-xoghol fit-08.15 a.m.- 8.20 a.m. Huwa jghid li wassal lill-haddiema hu stess, kien bil-vann u waqaf quddiem kull Block. Frankie Fenech nizel hdejn il-Block 'C'. Ghall-Block 'C' kien hemm huwa u David Spiteri, huma hadu l-affarijiet mill-vann. Ra lil Frankie Fenech diehel fil-block u ra lil Daniel jnizzel l-affarijiet mill-vann. Aktar tard dahal David fl-istess block. L-imputat Jack Scerri qal li huwa wassal lill-impjegati gewwa Block 'B' u hallihom dehlin. Ipparkja u sakkar il-van. Madwar hames minuti wara li kien ra lil Frankie Fenech diehel fil-Block iltaqa' mal-foreman Ray li qallu li kien waqa' xi hadd. Fil-fatt kien Frankie Falzon li kien waqa'. Malli rah ma l-art ma gharafx lil Frankie. Rega'

[5] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 105 sa 117 tal-atti processwali.

nizel u mbaghad gharaf lil Frankie Fenech. Beda jcempel lit-tfal biex icemplu l-ambulanza.

Ray Grixti li xehed fl-Inkjesta Magisterjali qal lli huwa l-foreman responsabbli ghas-site in kwistjoni. Dakinhar filghodu kien gewwa l-ufficju tieghu li jigi quddiem il-hajt divizorju tal-bitha tal-Block ‘A’. Ghal habta tal-08.15 a.m. waqt li kien fl-ufficju sema’ hoss kbir ta’ xi haga li waqghet gol-bitha tal-Block ‘A’. Hareg fil-bitha tal-Block ‘C’ u ma ra xejn. Telaq jigri mill-ufficju u dahal fl-entratura tal-Block ‘A’. Hemm sab ragel b’rasu gol-kantuniera tax-xellug, ‘il barra b’idejh taht gismu. Dan kien waqa’ fuq genbu x-xellugija. Ma kienx f’sensieh. Kien hareg hafna demm minn rasu. Ra helmet isfar izda ma jafx jekk dan kienx go rasu. Huwa waqa’ f’sens dijagonali. Ma tkellimx u ma kienx f’sensih. Cempel ghall-ambulanza. Ftit wara induna li kellu l-barzakka li kellu wara daru kellha cinga li kienet qed tissikkalu ghonqu. Staqsa ghal mus u xi hadd gab mus u qatalghu c-cinga. Tahtu kien hemm bicca plywood. Ghen lill-paramedics idahlu lil dan il-haddiem fuq gewwa u ttiehed l-isptar bl-ambulanza.

Noel Cachia xehed li fl-20 ta’ April 2004 hu u Philip Mizzi bhala ufficjali tal-Health and Safety Authority marru fuq il-post biex jispezzjonaw il-fond u x-xoghlijiet. Xehed li bhala method ta’ ispezzjoni taghhom hargu ghadd ta’ ordnijiet korrettivi lill-kuntratturi li bdew jahdmu f’dan il-fond fosthom lill-kumpanija Jacksons Company Limited. Esebixxa kopja ta’ dan ir-rapport. Ix-xhud ghamel riferenza partikolari ghal-punt 2 ta’ l-istess ordnijiet fejn gie mitlub specifikament li jittiehdu l-prekawzjonijiet necessarji biex jinghalqu kull ftuh jew aperturi fil-fond. Intalab ukoll li jsir risk assessment u cioe’ evalwazzjoni tar-riskju. Fl-4 ta’ Mejju dan ix-xhud qal li kien mar Giovanni Barbaro Sant u ddiskuta fit-tul mal-kuntratturi Jacksons Company Limited u tkellem ukoll ma’ Jack Scerri. Kellem ukoll lil Maria Dolores Scerri u lit-tfal.

Ikkunsidrat:

Illi f‘dawn il-proceduri nhargu sensiela ta’ mputazzjonijiet fil-konfronti tal-imputati Lorenzo, Carmelo, John u Salvu

Ellul fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Elbros Company Limited u kontra Gioacchino u Maria Dolores Scerri fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ta' Jacksons Company. In kwantu jirrigwarda l-imputati Ellul il-Prosekuzzjoni meta ghamlet is-sottomissjonijiet finali b'lealta' kbira lejn il-Qorti u lejn il-partijiet involuti ikkoncediet li l-imputazzjonijiet ma jistghux jirrizultaw fil-konfronti tal-imputati Ellul stante li mix-xhieda ta' Dr. Claudette Fenech[6] ir-rapprezentanta tar-Registru tal-Kumpaniji fi hdan il-Malta Financial Services Centre irrizulta li la f'Gunju 2004, u cioe' fid-data tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna u l-anqas illum il-gurnata ma kienet tezisti kumpanija bl-isem ta' Elbros Company Limited. Din ix-xhud specifikat inoltre li hemm registrati varji kumpaniji bil-kelma Elbros fl-isem taghhom bhal per ezempju Elbros Construction Limited, Elbros Concrete Limited, Elbros Management Services Limited, Elbros Constructuion International Limited u Elbros PBB Limtied, izda ebda kumpanija bl-isem ta' Elbros Limited. Il-Qorti taqbel li l-imputati Ellul ma jistghux jigu misjuba hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom ghaliex dawn l-imputazzjonijiet gew addebitati lilhom fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ta' kumpanija li ma tezistix u li ma kinitx tezisti fid-data tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna u li huwa indikat fic-charge sheet. Huma sejrin ghalhekk jigu dikjarati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi mic-charge sheet jirrizulta li l-imputati Gioacchino u Maria Dolores Scerri gew akkuzati fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ta' Jacksons Company. Mill-Memorandum and Articles of Association esebit a fol. 98 tal-atti processwali jirrizulta li l-kumpanija li taghha l-imputati Scerri huma diretturi jisimha Jacksons Company Limited u li ghalhekk fic-charge sheet thalliet barra l-kelma 'Limited'. Id-Difiza tal-imputati Scerri tikkontendi li l-imputati Scerri ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom ghall-istess ragunijiet li ma jistghux

[6] Li xehdet waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2010.

jinstabu hatja l-imputati Ellul. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghas-semplici raguni li filwaqt li fil-kaz tal-imputati Ellul huma gew akkuzati fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ta' socjeta' li ma tezistix u f'sitwazzjoni fejn mix-xhieda tar-rapprezentant tar-Registru tal-Kumpaniji rrizulta li jezistu diversi socjetajiet bill-kelma Elbros fl-isem taghom, fil-kaz tal-imputati Scerri il-kumpanija Jacksons Company Limited tezisti izda jidher li fic-charge sheet bi zball giet imhollija barra l-kelma Limited. Fil-fehma tal-Qorti izda ma jezisti l-ebda dubju li huma gew imharkin fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Jacksons Company Limited, mentri fil-kaz tal-imputati Ellul kien jezisti d-dubju peress li hemm diversi kumpaniji bl-isem ta' Elbros, u ghalhekk kien assolutament necessarju li tigi indikata b'mod preciz il-kumpanija li effettivament kienet qed taghmel ix-xoghol ta' kostruzzjoni f'Capital Mansions u mhux kumpanija b'isem simili li ma tezistix kif fil-fatt sar. Is-sottomissjoni maghmula mid-Difiza tal-imputati Scerri f'dan ir-rigward ser tigi ghalhekk skartata.

L-imputazzjoni principali adebitata lill-imputati Scerri fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ta' Jacksons Company Limited hija li b'nuqqas tat-tharis ta' regolamenti jew bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fis-sengha u l-professjoni taghhom huma kkagunaw il-mewt ta' Frankie Fenech, u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussidjarjament huma qed jigu wkoll akkuzati li kisru sensiela ta' regolamenti mposti fil-Kap. 424 u f'legislazzjoni sussidjarja mahruga taht l-imsemmi Kap. 424 liema regolamenti huma lkoll intizi sabiex jissalvagwardjaw is-sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

Il-Qorti ezaminat b'reqqa kbira il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u fil-fatt aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza saret esposizzjoni pjuttost dettaljata tal-provi prodotti. Il-Qorti jidrilha li minn dawn il-provi ma jirrizultax car kif Frankie Fenech spicca sabiex waqa' mill-gholi, probabilment mill-hames sular ghall-gewwa l-bitha ta' Block A ta' Capital Mansions u dan stante li ma gie prodott ebda xhud okulari tal-incident. Il-Qorti jidrilha li jezisti dubju ragjonevoli li l-vittma waqa' ghaliex huwa

ttenta jaqbez minn gallarija ghal ohra ta’ zewg blocks differenti minflok nizel it-tarag tal-blokk li kien fih u rega’ tela’ t-tarag tal-blokk l-iehor. Ma hemm ebda prova li tindika li l-vittma waqa’ ghaliex huwa kien qed jaghmel xi xoghol fil-gallarija jew fuq barra. Mill-provi rrizulta li huwa kellu jaghmel xoghol fuq gewwa fl-appartamenti fi Block C dakinhar tal-incident, irrizulta inoltre li dakinhar ma kienx previst li jsir xoghol ta’ plumbing u elettriku fuq barra u rrizulta wkoll li l-unika xoghol li kellu jsir fil-gallariji tal-appartamenti, u cioe it-twahhil tar-ruzuni fil-gallariji, kien diga’ tlesta kollu. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk ma rnexxilha ggib ebda prova li l-imputati Scerri kienu inkarigaw lill-vittma jaghmel xi xoghol fuq barra u ghalhekk ghalkemm mill-provi rrizulta li r-railings fil-gallariji u l-aperturi kienu ghadhom ma twahlux u li ma kienx hemm ilqugh, ma jistghax jitqies li Jacksons Company Limited li kienet inkarigat lill-vittma sabiex jaghmel xoghol ta’ plumbing u elettriku fuq gewwa tal-appartament u li provdiet lill-istess vittma b’safety shoes u helmet,  tista’ titqies li ma provditlux ‘a safe place of work’. Li kieku l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li Frankie Fenech fil-fatt kein inkarigat jaghmel xoghol fuq barra jew fil-gallarija s-sitwazzjoni kienet tkun differenti ghaliex imbaghad f’dak il-kaz l-employer tieghu kien ikun obbligat li jaccerta ruhu li kemm jista’ jkun jelimina r-riskju li l-haddiema jkorru minhabba l-gholi u li jipprovdi s-safety equipment idoneju ghal dan il-ghan. Una volta li jezisti d-dubju li effettivament il-vittma seta’ qabez minn gallarija ghal ohra sabiex jevita li joqghod jinzel it-tarag sabiex jaccedi ghall-blokk adgjacenti. L-Qorti jidrilha li dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputati. Il-Qorti jidrilha inoltre li jekk il-vittma deherlu li seta’ jew kellu jiehu dan ir-riskju dan ma jammontax biss ghal responsabilita’ kontributorja izda ghal responsabilita’ totali ghal dak li gara. Il-Qorti taqbel perfettament ma dak sottomess mill-Prosekuzzjoni li min jimpjega ghandu jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji u rikjesti mil-ligi sabiex kemm jista’ jkun jigi eliminat kull riskju ghall-haddiema fuq il-lant tax-xoghol u taqbel ukoll li l-Qrati ghandhom jaghtu messagg car lis-socjeta’ f’dan is-sens billi meta jkun hemm sejbien ta’ htija tal-employer li jonqos milli jipprovdi ghas-sigurta’ tal-haddiema impjegati mieghu u bhala konsegwenza jkun hemm incident fejn

ikorru l-haddiema, izda fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jitqies li gie pruvat li l-incident fejn sfortunatament spicca sabiex tilef hajtu Frankie Fenech gara minhabba xi nuqqas f'dan is-sens da parti tal-imputati Scerri. Il-Qorti taqbel li l-imputati Scerri qatt ma setghu jipprevedu li impjegat taghhom li kien inkarigat jaghmel xoghol ta' plumbing u elettriku fuq gewwa tal-blokk tal-appartamenti kien ser jazzarda jaqbez minn gallarija ghal ohra b'distanza ta' metru u nofs bejniethom u ghalhekk huma qatt ma setghu jippruvaw kemm jista' jkun jeliminaw dan ir-riskju. Kif diga' intqal aktar 'il fuq li kieku mill-provi rrizulta li l-vittma kien inkarigat jaghmel xoghol fuq barra jew fil-gallarija ovjament is-sitwazzjoni kienet tkun differenti ghaliex imbaghad ir-riskju li huwa per ezempju jizloq u jaqa' mill-gallarija bla railings kien ikun reali u prevedibbli u ghalhekk l-employer li f'dik it-tip ta' sitwazzjoni ma jipprovdix harness u lli ma jaccertax ruhu li jkun hemm ilqugh sabiex jiprotegu lill-haddiema minn waqghat kien ikun responsabbli li ma  accertax ruhu li ttiehdu l-mizuri kollha sabiex tigi accertata s-sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-ewwel erba' imputazzjonijiet zgur li ma jistghux jitqiesu li gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputati Scerri l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jipprovdi r-Regolament 20 tal-Avviz Legali 36/2003 li jistabbilixxi s-segwenti:-

'*F'dawk il-procedimenti dwar reat li jsiru taht dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew htiega li ssir xi haga sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-ragun prattika, jew li jintuzaw l-ahjar mezzi prattici biex issir xi haga, ghandu jkun jaqa' fuq l-akkuzat li jipprova (skond ma jkun il-kaz) illi ma kienx prattiku jew bir-ragun prattiku li jaghmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-htiega, jew li ma kienx hemm mezzi prattici ahjar minn dawk li fil-fatt intuzaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-htiega.*'

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputati Scerri rnexxilhom jippruvaw li ma kienx prattiku jew bir-ragun prattiku li jaghmlu aktar  milli fil-fatt sar sabiex iwettqu d-dmir jew il-htiega li jevalwaw ir-riskji ghall-haddiema taghhom. Il-Qorti jidrilha li d-dmir u l-obbligu li jsir evaluation of risk report sabiex jigu evitati r-riskji tal-waqghat mill-gholi kien jispetta lil Elbros Construction Limited, is-socjeta' li wetqet ix-xoghol ta' kostruzzjoni u mhux lis-socjeta' Jacksons Company Limited u dan ghaliex kienu il-haddiema tal-Elbros Construction Limited li kienu qed jaghmlu x-xoghlijiet fuq barra u ghalhekk kellhom ir-riskju tal-waqghat mil-gholi u mhux il-haddiema tas-socjeta' Jacksons Company Limited li kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' plumbing u elettriku fuq gewwa. Kif gie precizat aktar 'il fuq ir-riskju mehud mill-vittma f'dan il-kaz ma kienx prevedibbli stante li l-employer qatt ma seta' jimmagina u ghalhekk jipprovdi ghal sitwazzjoni fejn impjegat kien sejjer konxjament u xjentement iqieghed hajtu fil-periklu bla bzonn u b'mod daqshekk sperikolat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------